MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-21 ta' Awwissu, 2013

Numru. 803/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**(Spettur Elton Taliana)**

**Vs**

**Shalon Abela**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Shalon Abela ta' ghoxrin (20) sena, bin Philip u Doris neè Caruana, imwieled Pietà fl-20 ta' April 1993, residenti Nru.11, Alley 4, St. Peter Street, Qormi, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 220493(M):

1. Talli bejn it-12 u t-18 ta' Awwissu 2013, gewwa l-istabbilment *Splash and Fun*, Triq Tul il-Kosta, Bahar ic-

Caghaq, Naxxar, seraq mobile tal-ghamla Nokia tip mhux maghruf ghad-detriment ta’ persuna mhux maghrufa liema serq hu aggravat bil-valur;

2. Talli nhar il-15 ta’ Awwissu 2012, gewwa l-istabbilment *Splash and Fun*, Triq Tul il-Kosta, Bahar ic-Caghaq, Naxxar, seraq mobile tal-ghamla Samsung, tip mhux maghruf, arlogg ta’ l-idejn Ice Watch u €20.00 fi flus ghad-detriment ta’ Jade Aquilina, liema serq hu aggravat bil-valur;

3. Talli nhar il-15 ta’ Awwissu 2012, gewwa l-istabbilment *Splash and Fun*, Triq Tul il-Kosta, Bahar ic-Caghaq, Naxxar, seraq mobile tal-ghamla Samsung, tip mhux maghruf, ghad-detriment ta’ Veronica Sartori, liema serq hu aggravat bil-valur;

4. Ukoll talli nhar il-15 ta’ Awwissu 2012, gewwa l-istabbilment *Splash and Fun*, Triq Tul il-Kosta, Bahar ic-Caghaq, Naxxar, seraq mobile tal-ghamla Sony Ericcson, tip mhux maghruf, u €40.00 fi flus, ghad-detriment ta’ Omar Sommavilla, liema serq hu aggravat bil-valur;

5. U aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ tali akkuzi.

Ghal finijiet ta’ piena hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija u ghalkemm semghet lid-Difiza tittrattat favur li jigi impost Ordni ta’ Probation fuq l-imputat, l-Qorti mhux konvinta li bis-sorveljanza ta’ Probation Officer tkun assigurata r-rijabilitazzjoni ta’ l-imputat mill-vizzju tad-droga u li din tkun il-piena idoneja. Fid-dawl ta-reati mwettqa w ammessi mill-imputat il-piena idoneja hi wahda ta’ habs effettiv, b’dana li waqt li jkun detenut il-habs ikun hemm il-possibilità li l-imputat isegwi programm ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, dwar liema l-Qorti taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta’ Kordin. Il-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni ta’ l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li mill-fedina penali ta’ l-imputat jirrizulta li din hija l-ewwel kundanna fil-konfront tieghu ghar-reat ta’ serq.

Ghalhekk wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 18, l-Artikolu 261(c), l-Artikolu 267, l-Artikolu 49 u l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-waqt li ittenni li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tikkundanna lill-istess imputat ghall-perjodu ta’ tnax (12)-il xahar prigunerija effettiva. Il-Qorti ttenni r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta’ Kordin sabiex tul dan il-perjodu ta’ prigunerija l-imputat jsegwi programm ta’ rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Din is-sentenza ghandha tigi notifikata lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------